MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 56/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. B. Zahra)**

**Vs**
Carmelo Penza

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Mejju, 2004 ghall-habta tal-11.10 hrs f'Hal-Far Road, L/O Gudja :
1) bhala sid tal-vettura numru LAU-813 naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (licenzja mhux imgedda);
2) ippermetta lil Emanuel Raymond Ebejer isuq l-imsemmija vettura LAU-813 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3) u aktar minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 2(1) tal-Kap. 104, MVR 18 Artikolu 42(d) tal-Kap. 9, l-Artikoli MVR 18 (4)(6), kif ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan, illiberat lill-imputat mit-tieni akkuza filwaqt li sabitu hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuza w ikkundannatu ghall-hlas ta' tletin lira Maltin (LM30) multa, w ordnat li l-vettura in kwistjoni tigi elevata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Awtorita' tat-Trasport, ai termini tal-Artikolu 18(5) MVR.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevoka l-ordni ghall-elevazzjoni tal-vettura bin-numru LAU-813 moghtija ai termini tal-Artikolu 18(5) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-mutur.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tas-seduta tal-lum, fejn eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex ma fihx il-fatti fil-qosor migbura separatament mill-aggravji w ghaliex ghalkemm intalbet il-varjazzjoni tas-sentenza appellata ma giex precizat liema partijiet tas-sentenza kellhom jigu konfermati u liema kellhom jigu revokati.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar dawn il-punti ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dwar in-nuqqas tal-fatti fil-qosor il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hija wahda kostanti w giet delineata magisterjalment minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Dr. V. De Gaetano (illum Prim. Imhallef) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [25.7.1994] :-**

*“Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita’ tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor , ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita’ procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…”Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f’sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , “**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri”** [25.7.1986] ; **“Il-Pulizija vs. Alfred Debono”** [23.4.1992] u l-“**Il-Pulizija vs. Julian Bonello”** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, u jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b’ mod car u komplet , b’ mod li l-kontroparti tkun tista’ tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta , u b’mod li din il-Qorti tkun tista’ ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) li **ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b’mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa.** …” (emfasi tal-Qorti).”*

Issa f’ dan il-kaz, apparti li ma hemmx paragrafu jew paragrafi specifikatament indikati bhala li qed jelenkaw il-fatti fil-qosor , hemm proprju tahlita kbira bejn dawk li jistghu jkunu l-fatti w dawk li l-Qorti tifhem li jistghu jkunu aggravji , b’ mod li wiehed ikollu proprju necessarjament jistad ghall-fatti w jipprova jispigolhom minn argumenti w sottomissjonijiet ohra. Dan mhux il-mod kif ghandu jigi redatt rikors tal-appell li ghandu jkun fih taqsima li telenka b’ mod succinct izda komplet il-fatti kif graw skond l-appellant u taqsima ohra li tigbor fiha l-aggravju jew id-diversi aggravji tal-istess appellant , b’ mod li wiehed ikun jista’ jiddistingwi facilment bejn dawk li huma fatti w dawk li huma l-aggravji.

*Ghalhekk jidher li l-eccezzjoni preliminari tal-appellat Avukat Generali dwar il-karenza tal-fatti fil-qosor hija ben fondata w ergo r-rikors tal-appell tal-appellant huwa rritu*

*w null ghax ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta' nullita' mill-artikolu 419 (1)(a) tal-Kap.9.*

*Illi ghar-rigward tat-tieni pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali jigi osservat illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-appellant instab hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni w gie kundannat ghall-hlas ta' LM30 multa w gie liberat mit-tieni imputazzjoni. Inoltre l-ewwel Qorti ordnat "li l-vettura in kwistjoni tigi elevata mill-kummissarju tal-Pulizija jew l-Awtorita' tat-Trasport ai termini tal-artikolu 18(5) MVR." Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant talab li din il-Qorti* **"joghogobha tvarja s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-16 ta' Frar, 2005 fis-sens illi tirrevoka l-ordni ghall-elevazzjoni tal-vettura bin-numru LAU-813 moghtija ai termini tal-Artikolu 18 (5) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-mutur."**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti** "Il-Pulizija vs. Joseph Gheiti**" tal-lum stess , fejn tkun qed tintalab il-varjazzjoni jew riforma ta' sentenza , biex ir-rikors tal-appell ikun ritwali w validu , trid dejjem** l-ewwel tintalab IR-RIFORMA **tas-sentenza appellata , mbaghad** irid jigi precizat **f' hix tkun tikkonsisti tali riforma w cioe' trid tigi mitluba l-konferma tal-parti tas-sentenza li l-appellant ma jkunx ihoss li ghandu jappella minnha w mitluba r-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li jhoss ruhu aggravat biha.**

**Ghalhekk fil-kaz in ezami, ladarba l-appellant ma kienx qed jappella mis-sentenza kollha , fil-waqt li beda biex ghamel sew meta talab li din il-Qorti joghogobha** tvarja **s-sentenza appellata , ma ghaddiex biex jispecifika x' ried li jigi konfermat mis-sentenza appellata w x' kien qed jitlob li jigi revokat . Dan fil-fehma ta' din il-Qorti ukoll jirrendi l-appell null u bla effett.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------